4 ta' Frar 2010

Ċirkulari lill-partitarji kollha tas-Soċjetà Filarmonika Leone

**Ħlas ta' Sħubija tal-Membri għas-Sena 2010.**

Għal sena oħra reġa' wasal iż-żmien sabiex il-membri tas-Soċjetà Filarmonika Leone iġeddu l-miżata tagħhom għas-sena 2010. Din hija wkoll stedina għall-partitarji li mhumiex membri sabiex jissieħbu bħala membri tesserati ta' din is-Soċjetà. Il-ħlas tal-miżata huwa ta' €10 kull persuna jew €20 għall-tessera ta' familja.

Is-sehem tal-membri tesserati huwa ferm importanti fis-Soċjetà tagħna u għaldaqstant qegħdin nagħmlu appell qawwi biex in-numru tagħhom jiżboq tas-snin preċedenti. Il-kumitat jirrikonoxxi bis-sħiħ l-importanza tagħkom u għalhekk jixtieq jisma' s-suġġerimenti tagħkom kif nistgħu nkabbru s-sehem u l-parteċipazzjoni tagħkom kemm fit-tmexxija kif ukoll fl-attivitajiet li norganizzaw matul is-sena kollha. Għal dan il-għan, infakkrukom li l-uffiċji tagħna huma dejjem miftuħa għal kull min iħoss li jista' jikkontribwixxi min b'għajnuna manwali u min b'suġġerimenti jew pariri.

Ma' din iċ-ċirkulari, qegħdin nibagħtulkom envelop flimkien mal-formula tas-sħubija. Kull informazzjoni mibgħuta tinżamm bl-akbar kunfidenzjalità skont l-att tal-liġi tad-*Data Protection*. Il-kumitat japprezza ħafna l-kollaborazzjoni tagħkom li tgħin mhux ftit sabiex dan l-impenn jitħaffef u jitwettaq fl-iqsar żmien possibbli. Għal kull ħlas ta' sħubija jinħarġu l-*membership card* u l-irċevuta tal-ħlas.

F'dan il-kuntest, nieħdu l-okkażjoni sabiex infissrulkom aħjar il-proċedura fit-tlugħ tal-bandiera mezz'asta waqt imwiet ta' persuni konnessi mas-Soċjetà Leone u l-Parroċċa tagħna skont ma jipprovdi l-aħħar aġġornament tal-istatut.

*Bandisti u Membri tal-Kumitat effettivi:*

Bandiera mezz'asta titla' għal tlett ijiem mill-mewt inklużi l-jum tal-funeral.

*Membri Paganti:*

Bandiera mezz'asta titla f'jum il-mewt kif ukoll f'jum il-funeral.

*Partitarji u Persuni oħra:*

Bandiera mezz'asta titla f'jum il-funeral.

Il-Kumitat iżomm id-dritt li juża proċeduri oħra meta tinħass il-ħtieġa.

Hawnhekk ta' min ifakkar ukoll fid-diversi attivitajiet soċjali, kulturali u ta' ġbir ta' fondi li twettaq is-Soċjetà b'risq il-festa jew xi fergħat oħra tagħha. Aħna nappellawlkom sabiex tħossukom fid-dmir li tattendu. Bl-għajnuna żgħira tagħkom tkunu qegħdin tagħmlu ħafna u ħafna ġid lill-organizzaturi li fuq kollox huma sempliċi voluntiera fi ħdan is-Soċjetà tagħna. Kelma ta' inkoraġġament biex tħajru lil oħrajn hija wkoll ta' benefiċċju kbir. Kunu ġenerużi mas-Soċjetà, li bl-inizjattivi edukattivi u kulturali tagħha, fit-teatru, fl-arti, fil-mużika u f'kull qasam ieħor, qed tkun ħafna u ħafna ġeneruża magħkom, maż-żgħażagħ u mat-tfal tagħkom.

Nirringrazzjawkom bil-quddiem tal-għajnuna, il-koperazzjoni u s-sostenn tagħkom.

Joseph Debrincat

Segretarju Amministrattiv